MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 93/2004

**Avviz Numru 93/04 AJD**

**Anthony De Brincat**

**vs**

**Dr. Carmelino u Lydia konjugi Vella u Simone De Brincat**

It-Tribunal;
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) rapprezentanti hlas ta' sehmom mill-ispejjes li saru fit-tromba tat-tarag tal-fond 91, Triq il-Kapuccini, Floriana, liema fond huwa kopropjeta tal-kontendenti u dan skond ftehim bejn il-partijiet.
Bl-ipsejjes, inkluzi dawk ta' zewg ittri legali datati 17 ta' Dicembru 2003, lkoll kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:-
1. Illi l-konvenuti qatt ma cahdu li kellhom johorgu sehmom illi kellu jsir ftehim preventive dwar il-quantum.
2. Illi l-ircevuta fiskali prezentata mhux skond il-ligi.
3. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema' x-xhieda ta' Sinnoe De Brincat, Gunnar Pottag, Jonathan Fenech u Lydia Vella, Ha konjizzjoni tal-affidavits prezentati mill-partijiet kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-partijiet f'din il-kawza huma lkoll kopropjetarji tal-fond 91, Kappuccini Street, Floriana liema fond kien mikri lil certu Gunnar Pottag. F''Novembru tal-2003 l-inkiwlin kien ilmenta mal-attur li s-saqaf tat-tromba tat-tarag kien perikolanti u kien jehtieg li jissewa. It-tiswijiet jidher li saru f'Dicembru 2003. Fis-17 ta Dicembru 2003 l-attur interpella lill-konvenuti sabiex fi zmien jumejn ihallsu sehmom mill-ispejjes inkorsi sabiex tissewwa it-tromba. Il-kawza odjerna giet intavolata fis-16 ta' Jannar 2004. Fl-14 ta' Jannar 2004 l-avukat difensur tal-konvenuti kienet irrispondiet ghall-ittra legali mibghuta fis-17 ta' Dicembru 2003 fejn infurmatha li l-konvenuti kienu disposti li jhallsu sehmom mill-ispejjes izda xtaqu li l-ewwel jircievu kopja tal-ircevuta fiskali rilaxxjata mill-persuna li esegwiet it-tiswijiet. Waqt is-smiegh tal-kawza il-konvenuta Simone De Brincat ikkonfermat li l-konvenuti kienu disposti li jhallsu is-sorte izda mhux l-ispejjes tal-kawza.

Jirrizulta ghalhekk li l-kwistjoni kollha bejn il-partijiet tirrigwarda biss l-sipejjes tal-kawza odjerna Fil-fehma tat-Tribunal l-eccezzjoni ta' intempestivita' sollevata mill-

konvenuti hija fondata u ser tigi miqugha. Ix-xoghlijeit in kwistjoni saru f'Dicembru 2003. L-attur interpella lill-konvenuti jhallsu sehmom permezz ta' ittra legali datata 17 ta Dicembru 2003, u cioe' ftit tal-jiem wara li saru ix-xoghlijiet u fil-perijodu tal-Milied. Il-konvenuti irrispondew ghal din l-ittra fl-14 ta' Jannar 2004 fejn accettaw li jhallsu sehmom izda jumejn wara giet prezentata il-kawza odjerna

Fil-fehma tat-Tribunal il-kawza saret intempestivament ghaliex l-ittra interpellatorja intbaghtet fil-perijodu tal-Milied meta l-posta iddum ma tasal u meta huwa ferm aktar difficli lli tikkonsulta mal-avukat ta' fiducja mill-llum ghal ghada. Li kieku l-attur ikkonceda ftit aktar zmien qabel ma ntavola l-kawza il-kwisjtoni setghat tigi risolta minghajr il-hitega li jinbdew il-proceduri odjerni. Ikun ghalhekk opportun li l-attur ibaghti l-ispejjes tal-kawza li huwa prezenta intempestivament.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in kwantu jirrigwarda s-sorte u ghalhekk jikundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00).

Ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq, l-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mil-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------